A.L. 162 ta' l-2008

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI
(KAP. 427)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (Żebgħa, Verniċi u Prodotti ta' Rifinitura tal-Vetturi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9, 10(2) u 11 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u bl-artikolu 38 ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (Żebgħa, Verniċi u Prodotti ta' Rifinitura tal-Vetturi), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili (Żebgħa, Verniċi u Prodotti ta' Rifinitura tal-Vetturi), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 78 ta' l-2006.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. F'regolament 2 tar-regolamenti prinċipali t-tifsira ta' "l-awtorità kompetenti" għanda tiġi emendata kif ġej:

""l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-i*Standards* u d-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;".

Kap. 427.
Kap. 435.

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"(4) Bħala deroga mis-subregolament (1), il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq, inklużi dawk b'xi reklamar jew att sabiex

A.L. 225 ta' l-2001.

il-prodott jinbiegħ, jiġi espost, miżmum għall-bejgħ u biex jiġi offrut b'kumpens jew xort'oħra għall-użu esklussiv f'attività koperta bir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi li Jiżvintaw u li ssir f' installazzjoni reġistrata jew awtorizzata skond regolamenti 3 u 4 ta' dawk ir-regolamenti huma eżenti mill-provvedimenti msemmija hawn qabel.";

(b) is-subregolamenti (5) u (6) qegħdin jiġu mħassra; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (4) ta' dak ir-regolament għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(5) Madankollu, dawn il-prodotti m'għandhomx isiru disponibbli għall-terzi, inkluż b'xi att sabiex il-prodott jiġi offrut, espost, reklamat jew miżmum għall-bejgħ u provdut b'kumpens jew xort'oħra, kemm-il darba dawk it-terzi ma jippreżentawx kopja ta' l-ewwel paġna tal-permess maħruġ f'isimhom mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar taħt ir-regolamenti 3 u 4 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċ i li Jiżvintaw.

(6) Kull min ikun bi ħsiebu jagħmel dawn il-prodotti disponibbli lil terzi, inkluż b'xi att sabiex il-prodott jiġi offrut, espost, reklamat jew miżmum għall-bejgħ u provdut b'kumpens jew xort' oħra, għandu jirreġistra l-intenzjoni tiegħu li jagħmel hekk ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-i*Standards* u għandu jżomm id-dettalji kollha rigward il-bejgħ ta' dawk il-prodotti kif muri f'Anness IV flimkien ma kopja ta' l-ewwel paġna tal-permess maħruġ lil xi persuna li tkun qegħda tikseb dawk il-prodotti, mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar taħt ir-regolamenti 3 u 4 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi li Jiżvintaw. Dawn id-dettalji għandhom jinżammu għal perijodu ta' ħames snin minn meta jkunu saru.

(7) Għall-iskop ta' restawr u manutenzjoni ta' bini u ta' vetturi antiki skedati mill-awtorità kompetenti bħala li għandhom valur storiku u kulturali partikolari, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza liċenzi individwali għall-bejgħ u x-xiri fi kwantitajiet għal kollox limitati ta' prodotti li ma jkunux skond il-valuri limitu VOC mniżżla fl-Anness II.

(8) Kull min ikollu l-intenzjoni li jagħmel użu minn din id-deroga għandu jirreġistra għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-i*Standards* u għandu jipprovdi ċertifikazzjoni maħruġa minn korp awtorizzat biex juri li l-vettura jew il-bini in kwistjoni jitqiesu bħala li jkollhom valur storiku u kulturali.

(9) Il-prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li jidhru li jkunu ġew prodotti qabel id-dati stabbiliti f'Anness II u li ma jkunux skond ma jkun hemm meħtieġ fis-sub-regolament (1) jistgħu jitqegħdu fis-suq inkluż b'xi att sabiex il-prodott jiġi offrut, espost, reklamat jew miżmum għall-bejgħ u provdut b'kumpens jew xort'oħra, għal perjodu ta' tnax-il xahar wara d-data li fiha l-ħtieġa li tapplika għal dak il-prodott partikolari tkun daħlet fis-seħħ.".

Ħassar ir-regolamenti 8 u 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolamenti 8 u 9 tar-regolamenti prinċipali qegħdin jiġu mħassrin.

Iżid ir-regolamenti 8 sa 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Responsabbiltà għall-infurzar.

8. Ir-responsabbiltà għall-infurzar ta' dawn ir-regolamenti għandha tinqasam kif ġej:

(a) L-Awtorità ta' Malta dwar l-i*Standards* hija responsabbli għall-infurzar tal-provvedimenti ta' regolamenti 3, 4 u 6.

(b) L-Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorità ta' Malta dwar l-i*Standards*, għandhom ikunu flimkien responsabbli għall-infurzar tal-provvedimenti ta' regolament 5.

Pieni.

9. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) għall-ewwel darba multa ta' mhux anqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro (€1,164) iżda mhux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro (€2,329).

(b) meta jinsab ħati t-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro (€2,329), iżda mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro (€4,658), jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta kull min jinsab ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u jkun jinvolvi l-użu ta' xi vettura, is-sid ta' dik il-vettura, meta jkun il-każ, għandu jinżamm responsabbli bl-istess manjiera u grad:

Iżda wkoll li l-Qorti għandha tordna lil kull min jinsab ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti biex iħallas l-ispejjeż kollha nkorsi minn xi entitajiet pubbliċi u, jew, persuni oħra li jaġixxu għan-nom tagħhom li jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti w mar-restituzzjoni ta' l-ambjent bħala konsegwenza ta' dak ir-reat, it-tħassir tal-permess maħruġ mill-pulizija w il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabbilità tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

10. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli l-persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.".

Iżid l-Anness IV mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara l-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan l-Anness ġdid li ġej:

"ANNESS IV

DETTALJI MEĦTIEĠA SKOND REGOLAMENT 3(6)

Data:_____

Kunjom u Isem ta' min qed jixtri l-prodott:_____

Numru tad-Dokument ID ta' min qed jixtri l-prodott: _____

Kumpannija/persuna li f'isimha qed jinxtara l-prodott:

_____

Indirizz tal-persuna/kumpannija li qed tuża l-prodott:

_____

_____

_____

Ammont ta' prodott mixtri (litri): _____

Kodiċi tal-permess maħruġ mill-MEPA skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi li Jiżvintaw: VOC 000__ / 0__

Niċċertifika li l-informazzjoni hawn qabel imsemmija huwa kollu minnu _____(firma ta' min ikun qed jixtri l-prodott).

Firma ta' min ikun qed ibiegħ il-prodott: _____

EHMEŻ KOPJA TAL-PERMESS MAĦRUĠ MILL-MEPA TAĦT IR-REGOLAMENTI 3 U 4 TAR-REGOLAMENTI TA' L-2001 DWAR IL-LIMITAZZJONI TA' EMISSJONIJIET TA' KOMPOSTI ORGANIĊI LI JIŻVINTAW.".